San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 33 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Ħamis 29 ta' Awissu 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Anne Fenech | Kunsilliera |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
Alex Bezzina, John Bray, Raymond Tabone.
Mandy Buhagiar, Peter Abela u Daniel
Grima

**Bidu tal-laqgha**
Il-Laqgha b'urgenza bdiet fil-1730.

**Stqarrija mis-Sindku Mario Salerno.**

Billi Jason Camilleri fis-27 t'Awissu rtira t-tender tieghu ta' Council Supervisor, ghaldaqstant huwa m'ghadnu l-ebda konflitt ta'interess u jista jpoggi maghna mall-mejda bhala Kunsillier. Intant, minn meta ltaqgha l-Kunsill is-segretarju Ezekuttivkien talab ghall gwida mid-dipartiment peress li wiehed mit-tenders kien ta'kunsillier ukien fit-28 t'Awissu li d-direttur irrisponda, fejn b'emejl talab li d-decizjoni tal-Kunsill tkun revokata.

Allura llum, ser insegwu l-lingji gwida tad-dipartiment u nipproponi li din ir-revoka tkun ratifikata minnha l-kunsilliera.

Proponut – Mario Salerno. Sekondant – Jason Camilleri
Votazzjoni:- Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jimxi fuq il-linji gwida tad- Direttur tal-Kunsilli Lokali.

Ladarba l-irtirar tat-tender mill-Kunsillier Jason Camilleri sehh u ladarba d-decizjoni tal-Kunsilliera ta' revokar ittiehdet, nipproponi li l-Kunsill imur ghat-tieni tender – dik tas-Sur Raymond Grima li deher f'isemSynthesis Ltd.

Proponu - Jason Camilleri. Sekondant – Jane Chircop
Votazzjoni – Kien hemm qbil unanimu.

**Rizenja tal-Kunsillier Jason Camilleri**.
Jason Camilleri spjega li huwa jerfa' r-risponsabilta kollha u jghati r-rizenja tieghu llum 29 t' Awissu. Huwa talab apologija lill shabu l-Kunsilliera li forsi hassuhom skomdi fih. Jason Camilleri rringrazzja lis-Sindku Mario Salerno flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tal-ghajnuna li tawh.

Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Camilleri tal-hidma tieghu fil-Kunsill u ghalaq il-laqgha tal-Kunsill li kienet imsejha b'urgenza fil-1735..

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.